32004D0277

25.3.2004 IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA L 87/20

# ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI
# tad-29 ta' Diċembru 2003
# li tistabbilixxi r-regoli għall-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/792/KE, Euratom li tistabilixxi mekkaniżmu Komunitarju li jiffaċilita l-koperazzjoni rrinfurzata fl-interventi ta' assistenza fil-protezzjoni ċivili

*(notifikata bid-dokument numru K(2003) 5185)*

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2004/277/KE, Euratom)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITÀJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea u t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/792/KE, Euratom tat-23 ta' Ottubru 2001 li tistabbilixxi mekkaniżmu Komunitarju li jiffaċilita l-koperazzjoni rrinfurzata fl-interventi ta' assistenza fil-protezzjoni ċivili (1), u b'mod partikolari l-Artikolu 8(2)(a) sa (e) u (g) tiegħu,

Billi:

(1) Il-mekkaniżmu tal-Komunità stabbilit mid-Deċiżjoni 2001/792/KE, hawnhekk iżjed 'il quddiem msejjaħ "il-mekkaniżmu" , għandu skop li jipprovdi appoġġ fil-każ ta' emerġenza kbira li jkollha bżonn azzjoni b'rispons urġenti, inklużi emerġenzi li jiġru fil-kuntest ta' amministrazzjoni ta' kriżi msemmija fit-Titolu V tat-Trattat fuq l-Unjoni Ewropea. Fl-eventwalità ta' dan ta' l-aħħar ser jittieħed kont tad-Dikjarazzjoni Konġunta mill-Kunsill u l-Kummissjoni fuq l-użu tal-mekkaniżmu f'amministrazzjoni ta' kriżi fil-protezzjoni ċivili tal-Komunità msejħa fit-Titolu V tat-Trattat fuq l-Unjoni Ewropea.

(2) Il-mekkaniżmu huwa intiż li jgħin biex jiżgura protezzjoni aħjar l-ewwel lin-nies, imma wkoll lill-ambjent u propjetà, fl-eventwalità ta' emerġenza kbira, inkluż tniġġis aċċidentali tal-baħar, kif previst fid-Deċiżjoni Nru 2850/2000/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-20 ta' Diċembru 2000 li jwaqqaf l-istruttura tal-Komunità għall-koperazzjoni fil-qasam tat-tniġġis tal-baħar aċċidentali jew deliberat (2).

(3) Il-parteċipazzjoni fil-mekkaniżmu tal-Komunità hi miftuħa għall-Istati Membri, imma għandha wkoll tkun miftuħa għan-Norveġja, Islanda u Liechtenstein fid-dawl tad-Deċiżjoni Nru tal-Kumitat Konġunt tal-KEE Nru 135/2002 tas-27 ta' Settembru 2002 li jemenda l-Protokoll 31 għall-Ftehim tal-KEE fuq il-koperazzjoni f'oqsma speċifiċi barra mill-erba' privileġġi (3). B'rigward għall-pajjiżi kandidati, il-parteċipazzjoni għandha tkun miftuħa għal dawk il-pajjiżi li ffirmaw memorandum għal ftehim mal-Kummissjoni.

(4) Proċedura għall-proviżjoni ta' informazzjoni aġġornata fuq ir-riżorsi disponibbli fl-Istati li qed jipparteċipaw fil-mekkaniżmu għal diversi tipi ta' interventi għandhom jiġu stabbiliti sabiex jiffaċilitaw, fl-eventwalità ta' emerġenza, iċ-ċaqliq ta' skwadri ta' intervent, esperti u riżorsi oħra u li jiżguraw użu aħjar ta' dawk ir-riżorsi.

(5) Ċentru ta' monitoraġġ u informazzjoni għandu jiġi stabbilit li jkun aċċessibli u kapaċi jirrispondi mmedjatament 24 siegħa kuljum sabiex iservi lill-Istati li jipparteċipaw fil-mekkaniżmu u l-Kummissjoni.

(6) Iċ-ċentru ta' monitoraġġ w informazzjoni huwa element essenzali tal-mekkaniżmu għaliex jiżgura rapporti mhux interrotti mal-punti ta' kuntatti tal-protezzjoni ċivili ta' l-Istati li jipparteċipaw fil-mekkaniżmu. Iċ-ċentru ta' monitoraġġ w informazzjoni għandu, fil-kas ta' emerġenza, jipprovdi aċċess immedjat għal informazzjoni essenzali dwar esperti, skwadri ta' intervent w appoġġ ta' interventi oħra disponibbli.

(1) ĠU L 297, tal-15.11.2001, p. 7.
(2) ĠU L 332, tat-28.12.2000, p. 1.
(3) ĠU L 336, tat-12.12.2002, p. 36.

(7) Sistema komuni ta' komunikazzjoni w informazzjoni f'emerġenza (CECIS) għandha tiġi stabbilita' biex tiffaċilita l-komunikazzjoni u t-tixrid ta' informazzjoni bejn iċ-ċentru ta' monitoraġġ w informazzjoni u l-punti ta' kuntatt nominati.

(8) Iċ-CECIS huwa element essenzali tal-mekkaniżmu għaliex għandu jiggarantixxi l-awtentiċità, l-integrita' u l-kunfidenzalità ta' l-informazzjoni skambjata bejn l-Istati parteċipanti fil-mekkaniżmu taħt ċirkostanzi ta' rutina kif ukoll f'emerġenzi.

(9) Iċ-CECIS għandu jiġi mwaqqaf fuq il-bażi ta' pjan ta' implimentazzjoni globali (GIP) bħala parti mill-proġett PROCIV-NET immexxi w iffinanzjat fil-kuntest ta' programm għall-iskambju ta' *data* bejn l-amministrazzjonijiet, magħruf bħala il-programm IDA kif stabbilit fid-Deċiżjoni Nru 1719/1999/KE tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tat-12 ta' Lulju 1999 fuq serje ta' linji gwida, inkluż l-identifikazzjoni ta' proġetti ta' nteress komuni, fin-*network* trans-Ewropew għall-iskambju elettroniku ta' *data* bejn amministrazzjonijiet (IDA) ([1]), kif l-aħħar emendat bid-Deċiżjoni Nru 2046/2002/KE ([2]), u Deċiżjoni Nru 1720/1999/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 1999 li jaddottaw serje ta' azzjonijiet u miżuri sabiex jiżguraw interoperazzjoni ta' w adeżjoni tan-*network* trans-Ewropew għall-iskambju elettroniku tad-*data* bejn amministrazzjonijiet (IDA) ([3]), kif emendat bid-Deċiżjoni Nru 2045/2002/KE ([4]).

(10) Id-disponibbilta' ta' esperti kapaċi jorganizzaw u jikordinaw skwadri ta' intervent li jirrappreżentaw element importanti tal-mekkaniżmu tal-Komunità. Sabiex jiżguraw selezzjoni effiċjenti ta' esperti li hemm bżonn, huwa essenzali li jiftiehmu dwar kriterji komuni ta' selezzjoni

(11) Il-kompiti ta' l-esperti għandhom jiġu definiti u l-proċedura biex jiġu trasmessi għandhom imbagħad jiġu determinati.

(12) Programm ta' taħrig għandu jiġi mwaqqaf, bil-għan li tittejjeb il-kordinazzjoni ta' l-interventi ta' għajnuna tal-protezzjoni ċivili billi jiżguraw kompatibbilta' u kumplimentarita' bejn l-iskwadri ta' intervent u billi tissaħħaħ il-kompetenza ta' l-esperti. Il-programm għandu jinkludi korsijiet u eżerċizzi konġunti u sistema ta' skambju, kkombinat ma' lezzjonijiet, studju ta' każi individwali, gruppi ta' taħriġ, simulazzjonijiet, u eżerċizzi prattiċi u addattati għall-kontentut ta' kull azzjoni. It-twaqqif ta' dan il-programm ta' taħriġ jaqbel mar-Riżoluzzjoni tal-Kunsill 2002/K 43/01 tat-28 ta' Jannar dwar ir-rinfurzar tal-koperazzjoni fil-qasam tat-taħriġ tal-protezzjoni ċivili ([5]).

(13) Fl-istruttura tal-mekkaniżmu tal-Komunità, id-definizzjoni ta' regolamenti ċari ta' intervent hija mportanti biex jiżguraw għajnuna effiċjenti f'każ ta' emerġenza.

([1]) ĠU L 203, tat-03.08.1999, p. 1.
([2]) ĠU L 316, ta' l-20.11.2002, p. 4.
([3]) ĠU L 203, tat-03.08.1999, p. 9.
([4]) ĠU L 316, ta' l-20.11.2002, p. 1.
([5]) ĠU Ċ 43, tas-16.02.2002, p. 1.

(14) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni jaqblu ma' l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit skond l-Artikolu 4(1) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/847/KE ([6]),

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

## KAPITOLU I

## DISPOSIZZJONIJIET ĠENERALI

### *Artikolu 1*

Din id-Deċiżjoni tistabilixxi regoli li jimplimentaw id-Deċiżjoni 2001/792/KE, Euratom, fir-rigward ta' li ġej:

1. informazzjoni dwar ir-riżorsi relevanti disponibbli għal intervent ta' għajnuna fil-protezzjoni ċivili;
2. l-istabbiliment ta' ċentru ta' monitoraġġ w informazzjoni;
3. l-istabbiliment ta' sistema komuni ta' komunikazzjoni u informazzjoni f'emerġenza, hawnhekk iżjed 'il quddiem msejħa "CECIS";
4. skwadri ta' stima u/jew kordinazzjoni, inklużi kriterji għall-għażla ta' esperti;
5. l-istabbiliment ta' program ta' taħriġ;
6. interventi ġewwa u barra l-Komunità.

### *Artikolu 2*

Għall-għan ta' din id-Deċiżjoni d-definizzjonijiet li ġejjin għandhom jgħoddu:

(a) "Stati parteċipanti" tfisser l-Istati Membri, il-pajjiżi kandidati li ffirmaw memorandum għal ftehim mal-Kummissjoni, u n-Norveġja, Islanda u Liechtenstein;

(b) "pajjiżi terzi" tfisser pajjiżi li mhux qed jipparteċipaw fil-mekkaniżmu.

## KAPITOLU II

## RIŻORSI DISPONIBBLI

### *Artikolu 3*

1. L-Istati li jipparteċipaw għandhom jipprovdu l-Kummissjoni bl-informazzjoni li ġejja fuq riżorsi disponibbli għall-interventi ta' għajnuna tal-protezzjoni ċivili:

(a) l-iskwadri ta' intervent identifikati skond l-Artikolu 3(a) tad-Deċiżjoni Nru 2001/792/KE, Euratom, u b'mod partikolari

(i) id-daqs ta'l-iskwadri u ż-żmien ta' immobilizzar previst,

(ii) id-disponibbilta' tagħhom għall-interventi fl-Istati parteċipanti u fil-pajjiżi terzi,

([6]) ĠU L 327, tal-21.12.1999, p. 53.

(iii) id-disponibbilta' tagħhom f'missjonijiet fi żmien qasir, medju u fit-tul,

(iv) il-mezzi ta' transport tagħhom, u kemm huma kapaċi jsostnu lilhom infushom,

(v) kwalunkwe informazzjoni relevanti oħra;

(b) l-esperti magħżula skond l-Artikolu 3(b) tad-Deċiżjoni Nru 2001/792/KE/Euratom.

2. L-informazzjoni msejħa f'paragrafu 1 għandha tiġi aġġornata regolarment.

3. Iċ-ċentru ta' Monitoraġġ w Informazzjoni, stabbilit skond l-Artikolu 4, għandu jiġbor l-informazzjoni msejħa f'paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u jagħmilha disponibbli permezz taċ-CECIS stabbilit skond l-Artikolu 7.

4. L-informazzjoni riferuta f'paragrafu 1 hi bbażata fuq approċċ ta' xenarju ta' missjoni għal ġewwa l-Istati parteċipanti u barra minn dawn l-Istati.

KAPITOLU III

## ĊENTRU TA' MONITORAĠĠ U INFORMAZZJONI

*Artikolu 4*

Ċentru ta' monitoraġġ w informazzjoni aċċessibli u kapaci jirreagixxi immedjatament 24 siegħa kuljum huwa hawnhekk stabbilit u allokat fil-bini tal-Kummissjoni.

*Artikolu 5*

Id-dmirijiet ta' kuljum tac-ċentru ta' Monitoraġġ u Informazzjoni għandhom jinkludu, b'mod partikolari,

1. aġġornar regolari ta' informazzjoni pprovduta mill-Istati parteċipanti fuq skwadri ta' intervent u esperti identifikati u magħżula skond l-Artikolu 3(a) u (b) tad-Deċiżjoni Nru 2001/792/EC, Euratom, kif ukoll appoġġ u riżorsi mediċi li jkunu disponibbli għal interventi;
2. ġbir ta' informazzjoni disponibbli fuq il-kapaċità ta' l-Istati li qed jipparteċipaw sabiex imantnu produzzjoni ta' *serums* u tilqim jew riżorsi mediċi neċessarji oħra u l-ħażniet disponibbli għal intervent fil-każ ta' emerġenza kbira u jiġbru din l-informazzjoni fis-sistema ta' informazzjoni assigurata f'livell adegwat;
3. aġġornament regolari tal-proċeduri ta' xogħol u ta' emerġenza tiegħu;
4. żamma ta' kuntatt mal-punti ta' kuntatt fl-Istati parteċipanti bil-għan li jippreparaw, jekk hemm bżonn, rapport fuq emerġenzi kbar;
5. parteċipazzjoni fil-programm ta' "lezzjonijiet li tgħallimna" u tixrid tar-riżultati tiegħu;
6. involviment fil-preparazzjoni, organizzazzjoni u kontinwazzjoni tal-korsijiet ta' taħriġ;
7. involviment fil-preparazzjoni, organizzazzjoni u kontinwazzjoni eżerċizzi madwar il-mejda jew fuq il-post.

*Artikolu 6*

Fl-eventwalità ta'emerġenza kbira, iċ-ċentru ta' Monitoraġġ u Informazzjoni għandu jitħaddem skond id-disposizzjonijiet stabbiliti fil-Kapitolu VII.

KAPITOLU IV

## SISTEMA KOMUNI TA' KOMUNIKAZZJONI U INFORMAZZJONI F'EMERĠENZA

*Artikolu 7*

Sistema komuni ta' komunikazzjoni u informazzjoni f'emerġenza (CECIS) hi hawnhekk stabbilità.

*Artikolu 8*

Iċ-CECIS għandha tikkonsisti minn dawn it-tlett komponenti li ġejjin:

(a) sezzjoni ta' *networks*, li tikkonsisti minn *network* fiżiku li jgħaqqad l-awtoritajiet kompetenti u l-punti ta' kuntatt fl-Istati li jipparteċipaw u c-ċentru ta' Monitoraġġ w Informazzjoni;

(b) is-sezzjoni ta' applikazzjoni, li tikkonsisti minn *databases* u sistemi ta' informazzjoni oħra neċessarji għall-funzjoni ta' l-interventi ta' assistenza tal-protezzjoni ċivili u b'mod partikolari dawk meħtieġa:

(i) biex jikkomunikaw notifikazzjonijiet,

(ii) biex jiżguraw komunikazzjoni u tixrid ta' informazzjoni bejn iċ-ċentru ta' Monitoraġġ w Informazzjoni u l-awtoritajiet kompetenti u l-punti ta' kuntatt,

(iii) biex jiġbru informazzjoni fuq *serums* u tilqim jew riżorsi oħra mediċi u fuq ħażniet,

(iv) għat-tixrid ta' lezzjonijiet li tgħallmu mill-interventi;

(ċ) sezzjoni ta' sigurta, li jikkonsisti minn sett ta' sistemi, regoli u proċeduri necessarji biex jiżguraw il-kunfidenzalità tad-*data* merfugħa u skambjata permezz taċ-CECIS.

*Artikolu 9*

1. Iċ-CECIS għandu jiġi mwaqqaf u mħaddem skond id-Deċiżjoni Nru 1719/1999/KE u d-Deċiżjoni Nru 1720/1999/KE.

2. Is-sezzjoni ta' *networks* għandha tiġi mħaddma permezz tas-servizzi trans-Ewropej għat-telematematika bejn l-amministrazzjonijiet (TESTA), servizz ġeneriku IDA kif imwaqqaf fl-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni Nru 1720/1999/KE.

3. Is-sezzjoni ta' applikazzjoni ser tkun *database* b'lingwi differenti fuq l -*Internet*, aċċessibli permezz tat-TESTA u mħaddma flimkien ma' l-użu ma' programm normali ta' l-*e-mail* permezz ta' SMTP.

4. Is-sezzjoni ta' sigurtà ser tkun ibbażata fuq l-użu ta' infrastruttura pubblika mportanti għal gruppi ristretti ta' utenti (IDA PKI-CUG), servizz ġeneriku IDA kif imwaqqaf fl-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni Nru 1720/1999/KE.

*Artikolu 10*

Il-ħarsien ta' dokumenti, *databases*, u sistemi ta' informazzjoni klassifikati sa "RISTRETTI GĦALL-EU" fiċ-CECIS għandu jikkonforma mad-disposizzjonijiet stabbiliti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/264/KE ([1]) u fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/844/KE, KEFA, Euratom ([2]).

Dokumenti w informazzjoni klassifikata bħala "EU KUNFIDENZALI" jew ogħla, għandha tiġi trasmessa skond arranġamenti speċjali bejn l-oriġinatur u r-reċipjent(i).

Il-klassifikazzjoni tas-sigurtà taċ- CECIS għandha tiġi aġġornata kif xieraq.

*Artikolu 11*

1. L-Istati parteċipanti għandhom jagħtu lill-Kummissjoni l-informazzjoni xierqa billi jużaw il-"formola tal-pajjiż" kif imnizzla fl-Anness.

2. L-Istati li jipparteċipaw għandhom jipprovdu informazzjoni lill-punti ta' kuntatt fil-kuntest ta' protezzjoni ċivili u, meta approprjat, ta' servizzi oħra li għandhom x'jaqsmu ma' inċidenti naturali, teknoloġiċi, radjoloġiċi u ambjentali, inkluż tniġġis aċċidentali tal-baħar.

3. L-Istati parteċipanti għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni immedjatament dwar xi kambjament fl-informazzjoni msejħa fil-paragrafi 1 u 2.

*Artikolu 12*

Grupp ta' utenti li jikkonsisti minn rappreżentanti nominati mill-Istati parteċipanti ser jiġi stabbilit. Dan għandu jgħin lill-Kummissjoni fil-validazzjoni u ttestjar taċ-CECIS.

*Artikolu 13*

1. Pjan ta' implimentazzjoni globali (GIP) għall-implimentazzjoni taċ- CECIS hu hawnhekk stabbilit. Skond il-GIP il-Kummissjoni għandha:

(a) tistabbilixxi ftehim speċifiku fil-kuntest ta' appalti ta' strutturi IDA rispettivi għall-implimentazzjoni tan-*networks* u sezzjonijiet ta' sigurtà;

(b) fuq il-bażi ta' sejħa għal dawk li jagħmlu l-offerti, tisstabbilixxi ftehim għall-iżvilupp u validazzjoni ta' l-applikazzjoni kif ukoll studju ta' kemm huma vijabbli;

(ċ) tiżgura li l-persuni kollha nvoluti fil-fazijiet ta' żvilupp u validazzjoni kif ukoll l-istudju ta' vijabbiltà ta' wara huma mogħtija permess xieraq biex jgħaddu informazzjoni klassifikata "UE KUNFIDENZALI" skond id-Deċiżjoni 2001/264/KE u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/844/KE, KEFA, Euratom;

(d) tiżgura li l-amministrazzjoni tal-proġett fid-dawl ta' l-installazzjoni finali taċ-CECIS. F'dan ir-rispett, il-Kummissjoni għandha tipprovdi u taġġorna pjan ġenerali u għandha tikkordina l-fażijiet ta' żvilupp, validazzjoni w implimentazzjoni ma' l-Istati parteċipanti, u l-kuntrattur(i) magħżula. Il-Kummissjoni għandha wkoll iżżomm kont tal-bżonnijiet ta' l-Istati parteċipanti;

(e) *follow up*, validazzjoni u ttestjar tas-sezzjonijiet separati u ċ-CECIS komplut bl-għajnuna tal-grupp ta' l-utent;

(f) tiżgura t-taħriġ ta' min iħarreġ u li l-Istati parteċipanti huma nfurmati regolarment bl-avvanz tal-proġett;

(g) tiżgura' s-sigurtà tal-proġett l-iktar billi ma tippermettix it-tixrid mhux awtorizzat ta' informazzjoni sensittiva;

(h) tiżgura, permezz taċ-ċentru ta' *Data* tal-Kummissjoni, li s-*server* huwa mqabbad b'mod xieraq ma' TESTA u li hu disponibbli fuq ta' l-anqas l-istess servizz bħall-bqija tan-*network;*

(i) tiżgura l-implimentazzjoni tal-PKI permezz taċ-ċentru tat-Telekomunikazzjonijiet;

(j) tipprovdi l-appoġġ kollu neċessarju għall-fazi ta' implimentazzjoni tal-proġett u tiżgura l-manteniment w appoġġ neċessarju minn hemm 'il quddiem.

2. L-Istati parteċipanti għandhom jiżguraw it-twettiq ta' l-impriżi li saru fil-kuntest tal-*card template* tal-pajjiż, bħal konnessjoni ma' TESTA II *network*, il-faċilità ta' *web browsers* konformi u klijenti bl-*e-mail* u implimentazzjoni ta' proċeduri PKI, skond l-ippjanar approvat.

KAPITOLU V

**STIMA U/JEW SKWADRI TA' KORDINAZZJONI, INKLUZ KRITERJI GHALL-GHAZLA TA' ESPERTI**

*Artikolu 14*

L-Istati parteċipanti għandhom jipprovdu u jaġġornaw regolarment l-informazzjoni tagħhom fuq l-esperti magħżula skond l-Artikolu 3(b) tad-Deċiżjoni Nru 2001/792/KE, Euratom.

([1]) ĠU L 101, tal-11.04.2001, p. 1.
([2]) ĠU L 317, tat-03.12.2001, p. 1.

*Artikolu 15*

L-esperti għandhom jiġu klassifikati fil-kategoriji li ġejjin:

(a) esperti tekniċi;

(b) esperti li jagħmlu stima;

(ċ) membri ta' skwadra ta' kordinazzjoni;

(d) kap kordinatur.

*Artikolu 16*

1. L-esperti tekniċi għandhom ikollhom il-ħila li jagħtu parir fuq affarijiet speċifiċi u ta' teknika għolja u fuq ir-riskji nvoluti u jkunu disponibbli għal missjonijiet.

2. L-esperti li jagħmlu stima għandhom ikunu kapaci li jipprovdu stima tas-sitwazzjoni u jagħtu parir fuq l-azzjoni xierqa li għandha tittieħed u jkunu disponibbli għal missjonijiet.

3. Il-membri ta' l-iskwadra ta' kordinazzjoni jistgħu jinkludu deputat kap kordinatur, persuni responsabbli għall-loġistika w kommunikazzjoni u persunal ieħor neċessarju. Jekk ikun hemm talba, l-esperti tekniċi u li jagħtu stima jistgħu jiġu nkorporati fl-iskwadra ta' kordinazzjoni sabiex jassistu l-kap kordinatur matul il-missjoni.

4. Il-kap kordinatur għandu jkun risponsabbli għat-tmexxija ta' l-iskwadri li jagħmlu stima w kordinazzjoni matul intervent. Hi/hu għandha/u t/jagħmel kuntatti xierqa ma' l-awtoritajiet tal-pajjiż affetwat, mac-ċentru ta' Monitoraġġ w Informazzjoni, ma' organizzazzjonijiet internazzjonali oħra, u fil-każ ta' x'interventi ta' għajnuna ta' protezzjoni ċivili barra l-Istati parteċipanti, ukoll ma' l-Istat Membru li għandu l-Presidenza tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea jew ir-rappresentant tiegħu u mad-delegazzjoni tal-Kummissjoni ta' dak il-pajjiż u ma' l-uffiċċju jew rappreżentant uffiċjali ta' l-Uffiċju ta' l-Għajnuna Umanitarja tal-Komunità Ewropea (ECHO) f'dak il-pajjiż.

*Artikolu 17*

L-informazzjoni fuq l-esperti għandha tinġabar mill-Kummissjoni f'*database* kompetenti u li tkun disponibbli permezz taċ-CECIS.

*Artikolu 18*

L-esperti għandhom, fejn neċessarju, jagħmlu program ta' taħrig stabbilit skond l-Artikolu 21.

*Artikolu 19*

Fl-eventwalita' ta' talba għall-għajnuna, l-Istati li jipparteċipaw għandhom ikunu responsabbli biex jattivaw l-esperti disponibbli u jpoġġuhom f'kuntatt maċ-ċentru ta' Monitoraġġ w Informazzjoni.

*Artikolu 20*

1. Iċ-ċentru ta' Monitoraġġ w Informazzjoni għandu jkun kapaċi li jimmobilizza u jibgħat l-esperti appuntati fi żmien qasir wara li l-esperti jiġu attivati mill-Istati parteċipanti.

2. Iċ-ċentru ta' Monitoraġġ w Informazzjoni ser jimxi mal-proċedura ta' trasmissjoni li ġejja, bbażata fuq il-konfermazzjoni tal-missjoni wżata mill-Kummissjoni għall-issekondar ta' l-esperti f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza, li tkopri l-elementi li gejjin:

(a) konfermazzjoni bil-miktub tal-missjoni;

(b) l-għanijiet tal-missjoni;

(ċ) kemm il-missjoni hi ppjanata li ddum;

(d) l-informazzjoni dwar il-persuna li hi l-kuntatt lokali;

(e) il-kondizzjoni ta' kemm tkopri l-assigurazzjoni;

(f) il-kumpens bi ħlas ta' kuljum biex ikopri għall-ispejjeż;

(g) il-kondizzjonijiet speċifiċi ta' ħlas;

(h) linji gwida għal esperti tekniċi, l-esperti li jagħmlu stima, esperti li jikordinaw u kapijiet.

KAPITOLU VI

**PROGRAMM TA' TAĦRIĠ**

*Artikolu 21*

1. Programm ta' taħriġ għandu jiġi stabbilit li jkopri l-interventi ta' għajnuna ta' protezzjoni ċivili. Il-programm għandu jinkludi korsijiet ġenerali u speċifiċi, eserċizzji u sistema ta' skambju ta' esperti. Il-programm għandu jkun immirat għall-gruppi apposta msemmija fl-Artikolu 22.

2. Il-Kummissjoni għandha tkun risponsabbli għall-kordinazzjoni u l-organizzazzjoni ta' program ta' taħriġ u biex ifisser il-kontenut u l-iskeda tal-programm ta' taħriġ.

*Artikolu 22*

Il-gruppi li għalihom il-programm ta' taħriġ ser ikun immirat ser ikunu:

(a) skwadri ta' intervent ta' l-Istati li qed jipparteċipaw;

(b) kapijiet ta' skwadri ta' intervent ta' l-Istati parteċipanti, id-deputati tagħhom u l-uffiċjali ta' koperazzjoni;

(ċ) esperti ta' l-Istati li jipparteċipaw kif imniżżla fl-Artikolu 15;

(d) ħaddiema li huma l-punt ta' kuntatt nazzjonali;

(e) uffiċjali ta' l-istituzzjonijiet tal-Komunità.

*Artikolu 23*

Il-korsijiet ġenerali u speċifiċi ser ikunu mmirati lejn gruppi differenti kif imniżżel fl-Artikolu 22(b) sa (e).

*Artikolu 24*

L-eżerċizzi għandhom, b'mod partikolari fir-rigward ta' gruppi speċifiċi kif imniżżla fl-Artikolu 22(a), jimmiraw li:

(a) itejbu il-kapaċità tar-rispons u jipprovdu l-prattika neċessarja ta' l-iskwadri biex jilħqu l-kriterji għal parteċipazzjoni fl-interventi ta' għajnuna tal-protezzjoni ċivili;

(b) itejbu u jivverifikaw il-proċeduri u jistabilixxu lingwa komuni għal kordinazzjoni ta' interventi ta' għajnuna tal-protezzjoni ċivili u jnaqqsu l-ħin ghar-rispons f'emerġenzi kbar;

(ċ) ikabbru l-koperazzjoni operazzjonali bejn is-servizzi tal-protezzjoni ċivili bejn l-Istati parteċipanti;

(d) jitgħallmu mill-esperjenza ta' xulxin.

*Artikolu 25*

Is-sistema ta' skambju għandha tinkludi l-iskambju ta' esperti bejn l-Istati parteċipanti u/jew il-Kummissjoni, bil-ghan li jghinu lill-esperti biex:

1. jiggwadanjaw esperjenza f'oqsma oħra;

2. isiru familjari ma' tekniċi oħra u proċeduri operazzjonali wżati;

3. jistudjaw approċi meħuda minn servizzi ta' emerġenza parteċipanti w istituzzjonijiet oħra.

*Artikolu 26*

Meta approprjat, opportunitajiet oħra ta' taħrig għandhom jiġu pprovduti sabiex jilħqu bżonnijiet identifikati għall-operat bla problemi w effiċjenti ta' l-interventi ta' għajnuna tal-protezzjoni ċivili.

*Artikolu 27*

1. Il-Kummissjoni għandha tiżgura koerenza tal-livell ta' taahrig u l-kontenut tiegħu.

2. L-Istati parteċipanti u l-Kummissjoni għandha tinnomina lill min jitharreg f'kull sezzjoni ta' taħriġ.

3. Il-Kummissjoni għandha torganizza sistema xierqa ta' evalwazzjoni għat-taħriġ organizzat.

KAPITOLU VII

**INTERVENTI ĠEWWA U BARRA MILL-KOMMUNITÀ**

*Artikolu 28*

**Fażi ta' alert**

1. Fil-kas ta' emerġenza kbira fl-Istati parteċipant jew theddida imminenti, li tikkawża jew tista' tikkawża effetti transkonfinali jew li tista' tirriżulta għal sejħa għall-għajnuna permezz taċ-ċentru ta' Monitoraġġ w Informazzjoni minn pajjiż wieħed jew iktar, l-awtorità kompetenti u/jew punti ta' kuntatt ta' l-Istat fejn l-emerġenza hi imminenti jew diġà ġrat, għandha tinforma bla telf ta' żmien liċ-ċentru ta' Monitoraġġ w Informazzjoni permezz tal-kanali ta' komunikazzjoni stabbiliti.

2. Jekk il-Kummissjoni ġiet infurmata b'emerġenza kbira f'pajjiż terz,li jista' jkollu bżonn l-għajnuna tal-protezzjoni ċivili, iċ-ċentru ta' Monitoraġġ w Informazzjoni għandu jagħmel kuntatt ma' l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru li għandu l-Presidenza tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea u s-servizzi oħra relevanti tal-Kummissjoni sabiex jinfurmawhom bis-sitwazzjoni.

3. Iċ-ċentru ta' Monitoraġġ w Informazzjoni għandu jiġbor l-informazzjoni essenzali mall-ewwel twissijiet u jittrasmettiha permezz tal-kanali ta' komunikazzjoni u n-networks stabbiliti lill-awtoritajiet kompetenti tal-protezzjoni ċivili ta' l-Istati parteċipanti u/jew il-punti ta' kuntatt tagħhom.

4. Stat parteċipanti affetwat minn emerġenza kbira għandu jżomm liċ-ċentru ta' Monitoraġġ w Informazzjoni nfurmat bl-iżvolġiment tas-sitwazzjoni jekk xi riskji għal konsegwenzi transkonfinali jistgħu jidhru. Iċ-ċentru ta' Monitoraġġ w Informazzjoni għandu mbagħad jinforma lill-Istati parteċipanti oħra u s-servizzi relevanti tal-Kummissjoni u jaġġornaw regolarment l-informazzjoni tagħhom ta' kwalunkwe żvilupp tas-sitwazzjoni.

*Artikolu 29*

**Talbiet għall-għajnuna**

1. Stat parteċipanti jew pajjiż terz affetwat minn emerġenza kbira għandu, jekk hemm bżonn l-għajnuna permezz tal-mekkaniżmu tal-Komunità, jindirizzaw talba formali għall-għajnuna mill-protezzjoni ċivili liċ-ċentru ta' Monitoraġġ w Informazzjoni.

2. Fil-kas ta' emerġenza kbira li sseħħ f'pajjiż terz, li jista' jeħtieġ għajnuna mill-protezzjoni ċivili, il-Kummissjoni tista tiddeċiedi fuq inizjattiva proprja li tinforma lill-pajjiż terz b'għajnuna potenzali mill-Komunità jekk tkun meħtieġa. Iċ-ċentru ta' Monitoraġġ w Informazzjoni għandu jżomm lill-Istat Membru li għandu l-Presidenza tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea infurmat regolarment bi kwalunkwe żvilupp.

3. L-Istat li qed jagħmel it-talba għandu jipprovdi liċ-ċentru ta' Monitoraġġ w Informazzjoni b'kull informazzjoni relevanti li tikkonċerna s-sitwazzjoni, u b'mod partikolari, bżonnijiet speċjali, l-appoġġ mitlub u l-lokalita'.

Jekk l-għajnuna tkun mitluba f'forma ta' esperti u/jew skwadri ta' intervent jew mezzi, l-Istat li jkun qed jagħmel it-talba għandu jinforma liċ-ċentru ta' Monitoraġġ w Informazzjoni fuq iż-żmien u l-lokalità tal-wasla ta' l-għajnuna, u l-punt ta' kuntatt fuq il-post li jkun qed imexxi l-emerġenza.

4. Wara l-kordinazzjoni bejn iċ-ċentru ta' Monitoraġġ w Informazzjoni u l-Istat li jkun qed jagħmel it-talba, iċ-ċentru ta' Monitoraġġ w Informazzjoni għandu jgħaddi t-talba għall-għajnuna lill-Istati parteċipanti u, meta approprjat jikkonsulta mad-*database* ta' riżorsi u jinforma lis-servizzi relevanti tal-Kummissjoni. Kwalunkwe tibdil fit-talba għall-għajnuna inizjali mill-Istat li jkun qed jagħmel it-talba għandha tiġi mwassla immedjatament lill-Istati parteċipanti kollha.

5. Wara li ssir it-talba formali, l-Istati parteċipanti għandhom jinfurmaw immedjatament liċ-ċentru ta' Monitoraġġ w Informazzjoni dwar il-kapaċità kurrenti tagħhom sabiex jagħtu l-għajnuna, jindikaw l-iskopijiet tagħhom u t-termini.

6. L-informazzjoni mniżżla fil-paragrafu 5 għandha tingħabar u tintbagħat immedjatament miċ-ċentru ta' Monitoraġġ w Informazzjoni lill-Istat li jkun qed jagħmel it-talba u lill-Istati l-oħra parteċipanti.

7. L-Istat li jkun qed jagħmel it-talba għandu jinforma liċ-ċentru ta' Monitoraġġ w Informazzjoni dwar liema skwadri ta' intervent u mezzi ntagħżlu.

8. Fir-rigward tat-talbiet għall-iskwadri ta' intervent u mezzi, iċ-ċentru ta' Monitoraġġ w Informazzjoni għandu jinforma lill-Istati parteċipanti bl-għazla ta' l-Istat li jkun qed jagħmel it-talba. L-Istati parteċipanti li jagħtu l-għajnuna għandhom iżommu liċ-ċentru ta' Monitoraġġ w Informazzjoni regolarment infurmat dwar l-iskwadri ta' intervent u l-mezzi mibgħuta.

9. Fir-rigward tat-talba għall-esperti, iċ-ċentru ta' Monitoraġġ w Informazzjoni għandu:

(a) jikkuntatja lill-Istati parteċipanti, billi juża d- "*database* ta' l-esperti" mwaqqfa skond l-Artikolu 17, u jsaqsi dwar kemm hemm esperti lesti li jitilqu, fejn hu neċessarju, fi żmien tliet siegħat mill-ħatra tagħhom;

(b) wara konsultazzjoni ma' l-Istat li jkun qed jagħmel it-talba, jagħżel minn qalb l-esperti disponibbli u jinfurmaw lill-Istati parteċipanti;

(ċ) immedjatament jagħmlu kuntatt ma' l-esperti u jibdew jibgħatuhom skond il-proċedura kif imniżżla fl-Artikolu 20(2);

(d) fuq il-bażi ta' rapport aġġornat stabbilit mill-Istat li jagħmel it-talba, iċ-ċentru ta' Monitoraġġ w Informazzjoni għandu jipprepara laqgħa ta' informazzjoni għall-esperti u kapijiet ta' skwadri ta' intervent qabel ma jiġu mibgħuta.

10. Fil-kas ta' emerġenza kbira li sseħħ f'pajjiż terz, iċ-ċentru ta' Monitoraġġ w Informazzjoni għandu jaħdem b'konsultazzjoni ma' l-Istat Membru li jkollu l-Presidenza tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea u servizzi relevanti tal-Kummissjoni.

11. L-Istat li jkun qed jagħmel it-talba għandu jagħmel l-arrangamenti tiegħu sabiex jippermetti kordinazzjoni bejn l-għajnuna mibgħuta fuq livell nazzjonali u reġjonali. L-Istat li jkun qed jagħmel it-talba għandu jiffaċilita l-qsim tal-fruntieri għall-interventi u jiżgura appoġġ loġistiku.

*Artikolu 30*

**Direzzjoni ta' l-interventi**

1. Fil-każ ta' emerġenza kbira li sseħħ ġewwa l-Komunità, l-Istat li jkun qed jagħmel it-talba għandu jidderieġi l-interventi ta' għajnuna skond l-Artikolu 5(3) u (4) tad-Deċiżjoni Nru 2001/792/KE, Euratom.

2. Fil-każ ta' emerġenza kbira li sseħħ barra mill-Komunità, l-iskwadri ta' stima u kordinazzjoni għandhom jagħmlu l-kompiti tagħhom skond l-Artikolu 16. Il-kordinazzjoni hi żgurata mill-Istat Membru li għandu l-Presidenza tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea jew ir-rappreżentant maħtur.

*Artikolu 31*

**Interventi f'pajjiżi terzi**

F'pajjiżi terzi, l-intervent ta' għajnuna tal-Komunità jista' jew jitmexxa bħala operazzjoni awtonoma bejn il-pajjiż terz affetwat u ċ-ċentru ta' Monitoraġġ w Informazzjoni u r-rappreżentant ta' l-Istat Membru li jkollu l-Presidenza tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea, jew bħala kontribut għal intervent immexxi minn organizzazzjoni internazzjonali.

*Artikolu 32*

**Missjonijiet ta' l-esperti**

1. L-esperti mibgħuta għandhom jagħmlu l-kompiti mniżżla fl-Artikolu 16. Huma għandhom jirrappurtaw regolarment lill-awtoritajiet ta' l-Istat li jkun qed jagħmel it-talba u ċ-ċentru ta' Monitoraġġ w Informazzjoni.

2. Iċ-ċentru ta' Monitoraġġ w Informazzjoni għandu jżomm infurmati lill-Istati parteċipanti dwar il-progress tal-missjoni ta' l-esperti.

3. Fir-rigward tal-progress tal-missjoniiet ta' l-esperti fil-pajjiżi terzi, iċ-ċentru ta' Monitoraġġ w Informazzjoni għandu jżomm infurmati lid-Delegazzjoni tal-Kummissjoni tal-pajjiż konċernat u r-rappresentant ta' l-Istat Membru li għandu l-Presidenza tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea kif ukoll is-servizzi relevant ital-Kummissjoni.

4. L-Istat li jkun qed jagħmel it-talba għandu jinforma liċ-ċentru ta' Monitoraġġ w Informazzjoni fuq bażi regolari dwar l-izvilupp ta' l-attivitajiet li jkunu għaddejin fuq is-sit ta' l-emerġenza.

5. Fil-kas ta' interventi f'pajjiżi terzi, il-kap kordinatur għandu jinforma liċ-ċentru ta' Monitoraġġ w Informazzjoni fuq bażi regolari dwar l-izvilupp ta' l-attivitajiet li jkunu għaddejin fuq is-sit ta' l-emerġenza.

6. Iċ-ċentru ta' Monitoraġġ w Informazzjoni għandu jikompila l-informazzjoni kollha li jkun irċieva u jqassamha lill-punti ta' kuntatt u l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati parteċipanti.

*Artikolu 33*

**Pjan operazzjonali ta' disingaġġ**

1. L-Istat li jkun qed jagħmel it-talba jew kwalunkwe Stat partiċipant li jagħti l-għajnuna għandu jinforma liċ-ċentru ta' Monitoraġġ w Informazzjoni u l-esperti mibgħuta tal-Komunità u l-iskwadri ta' intervent ta' għajnuna meta l-għajnuna tagħhom ma tibqax rikjesta jew ma tkunx tista' tibqa tiġi pprovduta. Id-disingaġġ effettiv għandu jiġi organizzat b'mod xieraq mill-Istat li jkun ed jagħmel it-talba u l-Istati parteċipanti; iċ-ċentru ta' Monitoraġġ w Informazzjoni għandhom jibqu mizmuma nfurmati.

2. F'pajjiżi terzi, il-kap kordinatur għandu jirrapporta liċ-ċentru ta' Monitoraġġ w Informazzjoni meta l-assistenza ma tibqax rikjesta jew ma tkunx tibqa' tiġi pprovduta. Iċ-ċentru ta' Monitoraġġ w Informazzjoni għandu jgħaddi din l-informazzjoni liddelegazzjoni tal-Kummissjoni f'dak il-pajjiż u r-rappreżentant ta' l-Istat Membru li jkollu l-Presidenza tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea kif ukoll is-servizzi relevant ital-Kummissjoni. Iċ-ċentru ta' Monitoraġġ w Informazzjoni b'kordinazzjoni ma' l-Istati Membri li għandhom il-Presidenza tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea u l-Istat li qed jagħmel it-talba għandhom jiżguraw disingaġġ effettiv.

*Artikolu 34*

**Rappurtaġġ u tagħlimiet mogħtija**

1. L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat li jkun qed jagħmel it-talba u l-Istati parteċipanti li jkunu taw l-għajnuna, kif ukoll l-esperti mibgħuta mill-Kommunita, għandhom jippreżentaw il-konklużjonijet tagħhom fuq kull aspett ta' l-intervent liċ-ċentru ta' Monitoraġġ w Informazzjoni. Rapport fil-qasir għandu mbagħad jiġi ppreparat miċ-ċentru ta' Monitoraġġ w Informazzjoni dwar l-għajnuna pprovduta.

2. Iċ-ċentru ta' Monitoraġġ w Informazzjoni għandu jxerred it-tagħlimiet mogħtija sabiex jevalwaw u jtejbu l-interventi ta' għajnuna mill-protezzjoni ċivili.

*Artikolu 35*

**Spejjeż**

1. Jekk ma jkunx miftiehem mod ieħor, l-Istat li li jkun qed jitlob l-għajnuna għandu jħallas għall-assistenza mogħtija mill-Istati parteċipanti.

2. L-Istat parteċipant li jagħti l-għajnuna jista', waqt li jżomm f'moħħu n-natura ta' l-emerġenza u l-ammont ta' dannu, jista' joffri l-għajnuna kompletament jew parzjalment mingħajr ħlas. Dak l-Istat jista' wkoll jirrinunzja kollox jew parti mill-ħlas ta' l-ispejjeż tiegħu fi kwalunkwe ħin.

3. Jekk mhux miftiehem mod ieħor, għal matul l-intervent, l-Istat li qed jagħmel it-talba għandu jalloġja u jitma lill-iskwadri mill-Istati parteċipanti li qed jagħtu l-għajnuna, u jekk il-provvista u d-disposizzjonijiet tagħhom jispiċċaw, għandhom jerġgħu jintlew bi spiża proprja. Madanakollu, l-iskwadri li jagħtu l-għajnuna għall-ewwel għandhom ikunu loġistikament indipendenti u suffiċjenti għalihom infushom għal perjodu raġonevoli, skond l-assi wżati u għandhom jinfurmaw liċ-ċentru ta' Monitoraġġ w Informazzjoni.

4. Spejjeż sabiex jintbagħtu esperti tal-Komunità għandhom jiġu trattati skond l-Artikolu 20. Il-Kummissjoni għandha tħallas dawn l-ispejjeż.

*Artikolu 36*

**Kumpens għad-danni**

1. L-Istat li jkun qed jagħmel it-talba għandu joqgħod lura milli jitlob għal kumpens mill-Istati li jipparteċipaw għad-danni kkawżati għall-propjeta tiegħu jew lill-ħaddiema li jagħtu servizz fejn dan id-dannu hu b'konsegwenza ta' l-intervent ta' l-għajnuna prevista b'din id-Deċiżjoni, kemm-il darba ma jiġix muri bi prova li hu b'riżultat ta' frodi jew kondotta ħażina serja.

2. Fl-eventwalità li d- danni mġarrba minn partijiet terzi b'riżultat ta' intervent ta' għajnuna, l-Istat li għamel it-talba u l-Istat li pparteċipa u pprovda l-għajnuna għandhom jikkoperaw biex jiffaċilitaw il-kumpens ta' dawn id-danni.

*Artikolu 37*

Dan id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussel, fid-29 ta' Diċembru 2003.

*Għall-Kummissjoni*

Margot WALLSTRÖM

*Membru tal-Kummissjoni*

*ANNESS*

*Skond l-Artikolu 5*

**Mudella ta' formola tal-pajjiż għal ____________ (pajjiż)**
**Fid-dawl ta' l-istabbiliment ta' sistema ta' komunikazzjoni w informazzjoni f'emerġenza (CECIS)**

Kif spjegat fl-Artikolu 4(b) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/792/KE, Euratom, li tistabilixxi mekkaniżmu tal-Komunità biex jiffaċilità koperazzjoni rinfurzata fl-interventi ta' assistenza għall-protezzjoni ċivili ([1])

Awtorità kompetenti nazzjonali: ______________________

**Membru tal-Kumitat Regulatorju u ta'Amministrazzjoni**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Isem: | | | Kunjom: | |
| | Triq | | | Belt |
| | Kodiċi Postali | | | |
| Tel:. | | Fax: | | Email: |

(fil-każ ta' viċi-membri jekk jogħġbok imla' tabella simili)

**Informazzjoni dwar is-sit(i) tal-punt(i) ta' kuntatt li jridu jiġu konnessi maċ-CECIS**

| | |
|---|---|
| Istituzzjoni: | |
| Triq | |
| Belt | |
| Kodiċi Postali | |

| | Il-kap tas-servizz operazzjonali ta' l-organizzazzjoni li tipprovdi punt ta' kuntatt | Persuna biex tiġi kkuntattjata għal materji tekniċi | Uffiċjal reġistratur lokali tas-sigurtà |
|---|---|---|---|
| Kunjom: | | | |
| Isem | | | |
| Tel:. | | | |
| Fax: | | | |
| Email: | | | |

(Żid iktar linji f'każ ta' iktar minn sit wieħed)

**Rwol u dmirijiet**

Fil-kuntest ta' fażijiet ta' żvilupp, validazzjoni w implementazzjoni ta' l-ewwel stadju tal-PROCIV-NET (CECIS) ____________ (pajjiż) jieħu ħsieb li jipprovdi dawn li ġejjin:

1. NETWORK LAYER

   Is-sit(i) ta' l-awtorità kompetenti lokali ser jaqbdu man-network ta' komunikazzjoni u informazzjoni komuni permezz ta' dawn (jekk jogħġbok immarka kaxxa):

   ☐ Aċċess permanenti off-net mat-TESTA II: Din hija konnessjoni diretta bejn is-sit u l-eqreb Eurogate permezz ta' leased line pprovdut mill-proviżur tat-TESTA II (Equant). Il-pakkett jinkludi (a) leased line ta' 128kbps; (b) konnessjoni b'ISDN bħala riżerva; (c) router tat-tip Cisco 2610 IP Plus; (d) manteniment tat-tielet livell (24 siegħa għal 7 ijiem b'4 sigħat MTTR). L-ispejjeż stimati huma dawn:

   — Spiża inizjali ta' l-installazzjoni skond l-offerta ta' l-Equant kif mehmuża. Din l-ispiża hija ssussidjata mill-Kummissjoni Ewropea.

   — Spejjeż rikorrenti annwali; skond l-offerta ta' l-Equant kif mehmuża. Dawn l-ispejjeż huma ssussidjati mill-Kummissjoni Ewropea waqt l-ewwel sena ta' operazzjoni iżda jridu jitħallsu mill-awtorità kompetenti lokali għas-snin segwenti.

([1]) ĠU L 297, 15.11.2001, p. 7.

Il-ftehim dwar il-livell ta' servizz li japplika għas-servizz TESTA II ikopri il-kwalità tas-servizz għal din it-tip ta' konnessjoni ([1]).

☐ Aċċess permanenti għat-TESTA II permezz tan-network nazzjonali ta' _________________ (pajjiż)

Jekk jogħġbok, speċifika d-data meta s-sit(i) tal-punti ta' kuntatt msemmija ser jitqabbdu man-network nazzjonali: _____________
(data, inkella għid 'Imqabbad diġà')

Skond il-konnessjoni magħżula, il-ħaddiema tekniċi awtorizzati jipprovdu l-aġġustamenti kollha neċessarji biex jiżguraw li l-konnessjoni bejn il-punti tkun qed taħdem kif spjegat fil-pjan tal-proġett.

2. APPLICATION LAYER

L-istazzjonijiet ta' aċċess għall-persuni awtorizzati li jużaw iċ-CECIS iridu jkunu mgħammra bi:

— Browser ta' l-internet normali (i.e. Microsoft Internet Explorer jew Netscape – verżjoni 5.0 jew aktar riċenti)

— Programm ta' l-email normali bl-iSMTP li jieħu SSL

3. SECURITY LAYER

Is-sigurtà ta' l-email u tas-sessjonijiet ser tieħu ħsiebha l-infrastruttura ewlenija pubblika (PKI) ta' l-IDA, li tipprovdi għall-implimentazzjoni tas-SSL. Għal dan il-għan, l-awtorità kompetenti nazzjonali tieħu ħsieb li tistabbilixxi dan li ġej biex kull sit ikun imqabbad mas-sistema komuni ta' komunikazzjoni w informazzjoni.

Jiġi nominat uffiċjal reġistratur lokali għas-sigurtà

Jiġi żgurat li l-browser ta' l-internet u s-sistema ta' l-email installati jieħdu is-sistema ta' 128-bit SSL encryption.

4. IPPJANAR TA' L-IMPLIMENTAZZJONI

Kif imsemmi fil-pjan globali għall-implementazzjoni (GIP) kkonċernat, in-network, l-application layer u s-security layer jridu jiġu żviluppati u implementati taħt ir-responsabbiltà tal-Kummissjoni Ewropea skond il-programm ta' xogħol kif stabbilit għall-proġett. Waqt il-perjodu ta' implementazzjoni, il-kuntatti tekniċi amministrattivi u lokali ser ikunu disponibbli biex jipprovdu għajnuna lill-kuntratturi rispettivi responsabbli mill-iżvilupp u l-implementazzjoni.

**FTEHIM**

Aħna naqblu ma' dan ta' hawn fuq u nieħdu ħsieb li:

— Nipprovdu l-informazzjoni u l-għajnuna kollha neċessarja lill-Kummissjoni Ewropea fil-kuntest tal-fażijiet ta' żvilupp u implementazzjoni tal-proġett li jġib l-isem 'L-1el stadju tal-PROCIV-NET'

— Biex niżguraw ir-riżorsi finanzjarji neċessarji għat-tħaddim tal-konnessjoni mat-TESTA II wara l-ewwel sena ta' operazzjoni (fil-każ li tingħażel l-ewwel tip ta' konnessjoni).

**Membru tal-Kumitati Amministrattiv u Regolatorju:**

.....................................................................................................
(Firma)

.....................................................................................................
(Data)

([1]) It-test jista' jintalab jew inkella jista' jinstab fuq is-sit ta' l-IDA: http://europa.eu.int/ISPO/ida.
([2]) ĠU L 101. 11.4.2001, p. 1.

**Direttur Ġenerali:**

..............................................................................................................
(Firma)

..............................................................................................................
(Data)

(Din il-firma qed tintalab fil-każ ta' għażla ta' soluzzjoni 'Aċċess permanenti għal TESTA II off-net' li timplika kemm hemm riżorsi ta' flus wara l-ewwel sena ta' ħidma).

Jekk jogħġbok ibgħat kopja ffirmata bil-posta jew fax lit-Taqsima ta' Protezzjoni Ċivili u Inċidenti Ambjentali, DG Ambjent, Kummissjoni Ewropea kif ukoll kopja bl-e-mail lil civil-protection@cec.eu.int